MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 509/2004

**Awtorita` Ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Vs**

**GC Film Productions Ltd**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm250 (mitejn u hamsin lira Maltin) dovuti ghal servizzi resi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju 2003 kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-22 ta’ Settembru 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew pprezentati fl-1 ta’ Novembru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------